1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) u (2), u fil-limiti stabbiliti fl-Anness VIII, Stati Membri jistgħu, għal perjodu limitat, jirreġistraw u jippermettu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tagħha m'għadhiex valida. Din l-għażla għandha tkun limitata għal perjodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha l-approvazzjoni tat-tip tilfet il-validità tagħha.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi li kienu fit-territorju tal-Komunità u kienu akkumpanjati minn ċertifikat validu ta' konformità li kien inħareġ meta l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura in kwistjoni kienet għadha valida, imma li ma kienux irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel ma l-approvazzjoni tat-tip imsemmija tilfet il-validità tagħha.

2. Qabel ma l-paragrafu 1 jista' jiġi applikat għal tip wieħed jew iktar ta' kategorija partikolari, il-manifattur għandu jissottometti talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vettura. It-talba għandha tispeċifika ir-raġunijiet tekniċi u/jew ekonomiċi li jiġġustifikawha.

Fi żmien tlett xhur dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk, u għal kemm unitajiet, jaċċettaw it-tip ta' vettura kkonċernata għar-reġistrazzjoni fit-territorju tagħhom. Kull Stat Membru kkonċernat bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vettura għandu jkun responsabbli biex jassigura li l-manifattur jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII. Stati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kull sena lista ta' eżenzjonijiet mogħtija.

3. Fir-rigward ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jinkorporaw teknoloġiji jew kunċetti li ma jistgħux, minħabba n-natura speċifika tagħhom jikkonformaw ma' ħtieġa waħda jew iktar ta' waħda jew iktar mid-Direttivi separati, il-punt (ċ) ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE għandu japplika.

IL-KAPITOLU IV

Proċedura għall-adattament għall-progress tekniku

▼M4

Artikolu 17

Il-Kummissjoni tista' tadatta għall-progress tekniku l-Annessi ma' din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi separati msemmija fl-Anness I. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva jew tad-Direttivi separati, għandhom jiġu

▼M4

adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2).

▼B

Artikolu 18

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku, stabbilit bl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala "l-Kumitat").

▼M4

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

_____

▼B

IL-KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 19

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE għandha titħassar b'effett mid-9 ta' Novembru 2003. Referenzi magħmula għad-Direttiva 92/61/KEE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u jinqraw skond it-tabella ta' korrispondenza fl-Anness IX.

Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ qabel id-9 ta' Mejju 2003 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, mid-9 ta' Novembru 2003. Madankollu, fuq it-talba tal-manifattur il-mudell preċedenti taċ-ċertifikat ta' konformità jista' xorta jintuża għat-12-il xahar ta' wara.

3. Mid-9 ta' Mejju 2003 l-Istati Mebri m'għandhomx jipprojbixxu l-ewwel dħul fis-servizz ta' vetturi li jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

4. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 21

Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjonijiet mogħtija qabel id-9 ta' Novembru 2003, lanqas tipprevjeni l-estensjoni ta' dawn l-approvazzjonijiet skond it-termini tad-Direttiva li taħtha kienu oriġinarjament mogħtija. Madankollu, mid-9 ta' Novembru 2003 ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-manifattur għandhom jikkonformaw mal-mudell speċifikat fl-Anness IV.

▼B

Artikolu 22

Fl-istennija ta' l-armonizzazzjoni ta' sistemi ta' reġistrazzjoni u tassazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward ta' vetturi koperti b'din id-Direttiva, Stati Membri jistgħu jużaw sistemi nazzjonali ta' kodiċi sabiex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni u t-tassazzjoni fit-territorju tagħhom. Stati Membri jistgħu ukoll jitolbu li ċ-ċertifikat ta' konformità jiġi ssupplimentat bin-numru ta' kodiċi nazzjonali.

Artikolu 23

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 24

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

▼B

LISTA TA' L-ANNESSI

L-Anness I:	Lista ta' ħtiġiet għall-iskop ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura
L-Anness II:	Dokument ta' informazzjoni
L-Anness III:	Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE
L-Anness IV:	Ċertifikati ta' konformità
L-Anness V:	L-Enumerar u l-immarkar
L-Anness VI:	Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll ta' konformità ta' produzzjoni
L-Anness VII:	Riżultati tat-test
L-Anness VIII:	Vetturi ta' l-aħħar tas-serje
L-Anness IX:	Tabella ta' korrelazzjoni

▼B

L-ANNESS I

LISTA TA' ĦTIĠIET GĦALL-ISKOP TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA

Il-komponenti u l-karatteristiċi tal-vettura fuq il-lista kompleta hawn taħt huma segwiti b' "CONF" jekk il-konformità tagħhom mad-*data* tal-manifattur għandha tiġi kkontrollata jew b' "SD" jekk il-konformità tagħhom mal-ħtiġiet stabbiliti fil-leġislazzjoni Komunitarja għandha tiġi kkontrollata.

(Kif approprjat, b'kont meħud tal-qasam ta' applikazzjoni u l-aħħar emenda għal kull waħda mid-Direttivi separati elenkati hawn taħt)

Intestatura Nru	Suġġett	Kelma	Numru tad-Direttiva (jekk applikabbli)
1	Għamla	CONF	
2	Tip/varjant/verżjoni	CONF	
3	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-vettura	CONF	
4	L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur tal-vettura, jekk hemm	CONF	
5	Kategorija ta' vettura (*)	CONF	2002/24/KE
6	Numru ta' roti u l-pożizzjoni tagħhom fil-każ ta' vettura bi tlett roti	CONF	
7	Tpinġija tal-kontorn tal-qafas	CONF	
8	L-isem u l-indirizz tal-manifattur ta' l-magna (jekk differenti mill-manifattur tal-vettura)	CONF	
9	Għamla u d-deskrizzjoni tal-magna	CONF	
10	Tip ta' *ignition* tal-magna	CONF	
11	Ċiklu operattiv tal-magna (**)	CONF	
12	Tip ta' tkessieħ tal-magna	CONF	
13	Tip ta' lubrifikazzjoni tal-magna (**)	CONF	
14	Numru u konfigurazzjoni ta' ċilindri jew staturi (fil-każ ta' magna bil-pistun idur) fil-magna (**)	CONF	
15	*Bore*, *stroke*, il-kapaċità taċ-ċilindru jew il-volum tal-kmamar ta' kombustjoni (fil-każ ta' magna bil-pistun idur) fil-magna (**)	CONF	
16	Tpinġija kompleta tas-sistema ta' induzzjoni fil-magni (**)	CONF	
17	Il-proporzjon ta' kompressjoni tal-magna (**)	CONF	
18	It-*torque* massimu u l-qawwa netta massima tal-magna, kemm jekk hu:	SD	95/1/KE
	— tat-tip ta' *spark ignition* jew *ignition* bil-kompressjoni, jew — elettriku	CONF	

▼B

Intestatura Nru	Suġġett	Kelma	Numru tad-Direttiva (jekk applikabbli)
19	Miżuri kontra manuvri ta' abbuż ta' ċiklomuturi u muturi	SD	97/24/KE C7
20	Tank tal-karburant (**)	SD	97/24/KE C6
21	Batterija/i ta' trazzjoni	CONF	
22	Il-Karburatur jew sistema oħra ta' fornitura ta' karburant lill-magna (tip u għamla) (**)	CONF	
23	Sistema elettrika (vultaġġ nominali)	CONF	
24	Ġeneratur (tip u produzzjoni massima) (**)	CONF	
25	Veloċità massima ddisinjata tal-vettura	SD	95/1/KE
26	Il-Mases u d-dimensjoni	SD	93/93/KEE
27	Mezzi ta' aggančjar u l-aggančjar tagħhom	SD	97/24/KE C10
28	Miżuri kontra t-tniġġis ta' l-arja (**)	SD	97/24/KE C5
29	It-Tyres	SD	97/24/KE C1
30	It-Trasmissjoni	CONF	
31	Is-Sistema tal-ibbrejkjar	SD	93/14/KEE
32	L-Installazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vettura	SD	93/92/KEE
33	Mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vettura li l-preżenza obbligatorja jew fakultattiva tagħhom hija stabbilita fil-ħtiġiet ta' installazzjoni taħt l-intestatura Nru 32	SD	97/24/KE C2
34	Mezz ta' twissija bil-ħoss	SD	93/30/KEE
35	Il-Pożizzjoni għall-immuntar tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara	SD	93/94/KEE
36	Kompatibilità elettromanjetika	SD	97/24/KE C8
37	Il-Livell tal-ħoss u s-sistema ta' l-*exhaust* (**)	SD	97/24/KEC C9
38	Il-Mera(ja) li minnha tista' tara fuq wara	SD	97/24/KE C4
39	Sporġenzi esterni	SD	97/24/KE C3
40	L-I *stand* (ħlief fil-każ ta' vetturi li għandhom tlett roti jew iktar)	SD	93/31/KEE
41	Mezzi għall-prevenzjoni ta' użu mhux awtorizzat tal-vettura	SD	93/33/KEE
42	Twieqi; *wipers* tal-*windscreen*; *washers* tal-*windscreen*; mezzi għat-tneħhija tas-silġ u t-tneħhija taċ-ċpar għal ċiklomuturi bi tlett roti, triċikli u kwadriċikli bil-karrozzerija	SD	97/24/KE C12

▼B

Intestatura Nru	Suġġett	Kelma	Numru tad-Direttiva (jekk applikabbli)
43	Post fejn iżommu l- passiġġieri ta' vetturi b'żewġ roti	SD	93/32/KEE
44	Punti ta' ankoraġġ għal ċinturini tas-sigurtà u ċinturini tas-sigurtà għal ċiklomuturi bi tlett roti, triċikli u kwadriċikli bil-mutur bil-karrozzerija	SD	97/24/KE C11
45	L-indikatur tal-veloċità	SD	2000/7/KE
46	Identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u indikaturi	SD	93/29/KEE
47	Iskrizzjonijiet regolamentarji (il-kontenut, il-lok u l-metodu ta' twaħħil)	SD	93/34/KEE

(*) Fil-każ ta' vetturi bi propulsjoni doppja, jekk iż-żewġ sistemi ta' propulsjoni huma tali li l-vettura taqa' taħt definizzjoni ta' jew ċiklomutur, triċiklu jew kwadriċiklu bil-mutur, id-definizzjonijiet ta' l-aħħar għandhom japplikaw għaliha.

(**) Vetturi bi propulsjoni elettrika mhumiex soġġetti għall-ħtiġiet li jirrelataw għal din l-intestatura. Dan ma japplikax għal vetturi bi propulsjoni doppja li fihom waħda mis-sistemi ta' propulsjoni hija elettrika u l-oħra termika.

Nota

Id-Direttivi separati jistabilixxu ħtiġiet speċifiċi għal ċiklomuturi b'operazzjoni baxxa, jiġifieri ċiklomuturi bil-pedali, b'magna awżiljari ta' qawwa li ma teċċedix 1 kW u veloċità massima maħsuba li ma teċċedix il-25 km fis-siegħa. Dawn il-karatteritsiċi speċifiċi japplikaw b'mod partikolari għall-komonenti u l-karatteristiċi koperti bl-intestaturi Nri 18, 19, 29, 32, 33, 34, 41, 43 u 46 ta' dan l-Anness.

▼B

L-ANNESS II

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI ([a])

(Mudell)

Id-dokumenti kollha ta' informazzjoni f'din id-Direttiva u fid-Direttivi separati għandhom jikkonsistu biss f' estratti minn u jaderixxu għas-sistema ta' enumerazzjoni ta' din il-lista totali.

PARTI 1

L-informazzjoni li ġejja fuq il-vettura li għandha tiġi mogħtija l-approvazzjoni tat-tip u s-sistemi, l-unitajiet tekniċi separati jew il-komponenti li għandhom jiġu mogħtija l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi fornita fi tliet kopji u jkollha magħha werrej. Kwalunkwe disinji għandhom ikunu f'dettal suffiċjenti fuq u jingħataw fi skala adatta f'format jew jiġu mitwija għal dik id-dimensjoni. Ritratti wkoll għandhom jiġu dettalljati biżżejjed. Meta l-funzjonijiet huma kkontrollati minn mikroproċessuri informazzjoni appropriata li tikkonċerna l-prestazzjoni għandha tiġi pprovduta. Id-dokument ta' informazzjoni għandu jkollu numru ta' referenza fornit mill-applikant.

A.	INFORMAZZJONI LI TIRRELATA KONĠUNTEMENT GĦAL ĊIKLOMUTURI, MUTURI, TRIĊIKLI U KWADRIĊIKLI
0.	**Ġenerali**
0.1.	Għamla: .....
0.2.	Tip (iddikjara kwalunkwe varjanti u verżonijiet possibbli: kull varjanti u kull verżjoni għandhom jiġu identifikati b'kodiċi li jikkonsisti f' numri jew f'kombinazzjoni ta' ittri u numri): .....
0.2.1.	Isem kummerċjali (meta applikabbli): .....
0.3.	Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk dikjarat fuq il-vettura ([b]): .....
0.3.1.	Il-lok ta' dak il-mezz ta' identifikazzjoni: .....
0.4.	Kategorija tal-vettura ([c]): .....
0.5.	Isem u indirizz tal-manifattur: .....
0.5.1.	Isem(ijiet) u indirizz(i) ta' l-impjanti ta' assemblaġġ: .....
0.6.	Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, jekk hemm: .....
0.7.	Il-Post u l-metodu ta' twaħħil ta' iskrizzjonijiet regolamentari max-chassis: .....
0.7.1.	L-enumerar serjali tat-tip jibda bin-Nru: .....
0.8.	Il-lok u l-metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip għal komponenti u unitajiet tekniċi separati: .....
1.	**Arranġament ġenerali tal-vettura**
1.1.	Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura tipika: .....
1.2.	Tpinġija dimensjonali tal-vettura kompleta: .....
1.2.1.	Bażi tar-rota: .....
1.3.	Numru ta' fusien u roti (meta approprjat, in-numru ta' passaġġi jew ċinturini crawler): .....
1.4.	Il-Pożizzjoni u l-arranġament tal-magna: .....
1.5.	In-Numru ta' pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda: .....
1.6.	In-naħa tas-sewqan - xellug jew lemin ([1])
1.6.1.	Il-Vettura hija mgħammra biex tinsaq fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug tat-traffiku fit-triq ([1])

▼B

2.	**Mases** (f'kg) (2)
2.0.	Massa mhux mgħobbija (d) (i): .....
2.1.	Il-massa ta' vettura f'kondizzjoni ta' sewqan (i): .....
2.1.1.	Id-distribuzzjoni ta' dik il-massa bejn il-fusien: .....
2.2.	Massa ta' vettura f'kondizzjoni ta' sewqan (i), flimkien mas-sewwieq: .....
2.2.1.	Id-Distribuzzjoni ta' dik il-massa bejn il-fusien: .....
2.3.	Il-massa massima teknikament permessibbli dikjarata mill-manifattur: .....
2.3.1.	Id-Diviżjoni ta' dik il-massa bejn il-fusien: .....
2.3.2.	Il-massa massima teknikament permessibbli fuq kull waħda mill-fusien: .....
2.4.	Kapaċità massima ta' startjar fit-tlajja' bil-massa massima permessibbli dikjarata mill-manifattur: .....
2.5.	Il-Massa massima rmunkata (meta applikabbli): .....
2.6.	Il-massa massima tal-kombinazzjoni: .....
3.	**Il-Magna** (e)
3.0.	Il-Manifattur: .....
3.1.	Għamla: .....
3.1.1.	Tip (dikjarat fuq il-magna, jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni): .....
3.1.2.	Il-lok tan-numru tal-magna (jekk applikabbli): .....
3.2.	Magna li jaqbad bl-ispark jew bil-kompressjoni (1)
3.2.1.	Karatteristiċi speċifiċi tal-magna
3.2.1.1.	Ċiklu ta' operazzjoni (b'erba' strokes jew bi tnejn, ignition bl-ispark jew bil-kompressjoni) (1)
3.2.1.2..	Numru, arranġament jew ordni ta' tqabbid taċ-ċilindri: .....
3.2.1.2.1.	Bore: ..... mm (l)
3.2.1.2.2.	Ċiklu: ..... mm (l)
3.2.1.3.	Kapaċità taċ-ċilindri: ..... cm^3 (g)
3.2.1.4.	Il-proporzjon ta' kompressjoni (2): .....
3.2.1.5.	Tpinġijiet tar-ras taċ-ċilindru, tal-pistun(i), taċ-ċrieki tal-pistuni u taċ-ċilindru(i): .....
3.2.1.6.	Il-Veloċità ta stennija (2): ..... min^{-1}
3.2.1.7.	Produzzjoni massima netta ta' qawwa: ..... kW at ..... min^{-1}
3.2.1.8.	Torque nett massimu: ..... Nm b' ..... min^{-1}
3.2.2.	Karburant: diżil/petrol/taħlita/LPG/ieħor (1)
3.2.3.	Tank tal-karburant
3.2.3.1.	Kapaċità massima (2): .....
3.2.3.2.	Tpinġija tat-tank b'indikazzjoni tal-materjal użat: .....

▼B

3.2.3.3. Tpinġija li tindika b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank fil-vettura: .....

3.2.3.4. Numru ta' approvazzjoni tat-tank tal-karburant armat: .....

3.2.4. Fornitura tal-karburant

3.2.4.1. Permezz tal-karburantur(i): iva/le (1)

3.2.4.1.1. Għamla(iet): .....

3.2.4.1.2. Tip(i): .....

3.2.4.1.3. Numru armat .....

3.2.4.1.4. Settings (2)

jiġifieri ta'

3.2.4.1.4.1. Diffużuri: .....

3.2.4.1.4.2. Livell fil-float chamber: .....

3.2.4.1.4.3. Massa tal-float: .....

3.2.4.1.4.4. Labra tal-float: .....

jew

3.2.4.1.4.5. Kurva tal-karburant bhala funzjoni tal-fluss ta' l-arja u tas-setting meħtieġ sabiex tinżamm il-kurva: .....

3.2.4.1.5. Sistema ta' startjar mill-kiesaħ: manwali/awtomatika (1)

3.2.4.1.5.1. Prinċipju(i) ta' operazzjoni: .....

3.2.4.2. Permezz ta' injezzjoni tal-karburant (biss fil-każ ta' ignition bil-kompressjoni): iva/le (1)

3.2.4.2.1. Deskrizzjoni tas-sistema: .....

3.2.4.2.2. Prinċipju ta' operazzjoni: dirett/indirett/injezzjoni fil-kompartiment ta' turbulenza (1)

3.2.4.2.3. Pompa ta' injezzjoni

jew:

3.2.4.2.3.1. Għamla(iet): .....

3.2.4.2.3.2. Tip(i): .....

jew

3.2.4.2.3.3. Rata massima ta' fluss ta' karburant (2) ..... mm^3 /għal kull ċiklu (1) b'veloċità ta' rotazzjoni tal-pompa ta': ..... min^{-1} tpinġija karatteristika: .....

3.2.4.2.3.4. Avvanz ta'injezzjoni (2): .....

3.2.4.2.3.5. Kurva ta' avvanz ta' injezzjoni (2): .....

3.2.4.2.3.6. Proċedura ta' kalibrazzjoni: bank tat-test/magna (1)

3.2.4.2.4. Regolatur

3.2.4.2.4.1. Tip: .....

3.2.4.2.4.2. Punt ta' qtugħ

3.2.4.2.4.2.1. Punt tal-qtugħ bit-tagħbija: ..... min^{-1}

▼B

3.2.4.2.4.2.2. Punt ta' qtugħ mingħajr ebda tagħbija: ..... min^{-1}

3.2.4.2.4.3. Veloċità ta' stennija: ..... min^{-1}

3.2.4.2.5. Pajpijiet ta' injezzjoni

3.2.4.2.5.1. Tul: ..... mm

3.2.4.2.5.2. Djametru intern: ..... mm

3.2.4.2.6. Injettur(i)

jew

3.2.4.2.6.1. Għamla(iet): .....

3.2.4.2.6.2. Tip(i): .....

jew

3.2.4.2.6.3. Pressjoni ta' ftuħ (2): ..... kPa kPa jew tpinġija karatteristika (2): .....

3.2.4.2.7. Sistema ta' operazzjoni fuq magna kiesħa (jekk applikabbli)

jew:

3.2.4.2.7.1. Għamla(iet): .....

3.2.4.2.7.2. Tip(i): .....

jew

3.2.4.2.7.3. Deskrizzjoni: .....

3.2.4.2.8. Apparat sekondarju ta' tqabbid (jekk applikabbli)

jew:

3.2.4.2.8.1. Għamla(iet): .....

3.2.4.2.8.2. Tip(i): .....

jew

3.2.4.2.8.3. Deskrizzjoni tas-sistema: .....

3.2.4.3. Permezz ta' injezzjoni bil-karburant (biss fil-każ ta' ignition bl-ispark): iva/le (1)

jew

3.2.4.3.1. Deskrizzjoni ta' sistema: .....

3.2.4.3.2. Prinċipju ta' operazzjoni: injezzjoni fil-pajp ta' ammissjoni (punt singolu/multiplu) (1)/injezzjoni diretta/ieħor (iddikjara liema) (1): .....

jew:

3.2.4.3.2.1. Għamla(iet) tal-pompa ta' injezzjoni: .....

3.2.4.3.2.2. Tip(i) ta' pompa ta' injezzjoni: .....

3.2.4.3.3. Injetturi: pressjoni tal-ftuħ (2): ..... kPa

jew tpingija karatteristika (2): .....

3.2.4.3.4. Avvanz ta' injezzjoni: .....

▼B

3.2.4.3.5. Sistema ta' statrjar mill-kiesaħ

3.2.4.3.5.1. Prinċipju(i) ta' operazzjoni: .....

3.2.4.3.5.2. Limiti ta' operazzjoni/setting (1) (2): .....

3.2.4.4. Pompa tal-karburant: iva/le (1)

3.2.5. Tagħmir elettriku

3.2.5.1. Vultaġġ nominali: ..... , V, earth pożittiv/negattiv (1)

3.2.5.2. Ġeneratur

3.2.5.2.1. Tip: .....

3.2.5.2.2. Qawwa nominali: ..... W

3.2.6. Injezzjoni

3.2.6.1. Għamla(iet): .....

3.2.6.2. Tip(i): .....

3.2.6.3. Prinċipju ta' operazzjoni: .....

3.2.6.4. Kurva ta' avvanz ta' injezzjoni jew punt stabbilit ta' operazzjoni (2): .....

3.2.6.5. Timing statiku (2): ..... qabel TDC

3.2.6.6. Distanza bejn l-elettrodi (2): ..... mm

3.2.6.7. L-angolu tal-pawża (2): ..... gradi

3.2.6.8. Sistema ta' kontra l-interferenza mir-radju: .....

3.2.6.8.1. Terminoloġija u tpinġija ta' tagħmir ta' kontra l-interferenza mir-radju: .....

3.2.6.8.2. Indikazzjoni tal-valur nominali ta' reżistenza DC u, fil-każ ta' wires reżistenti ta' ignition, dikjarazzjoni tar-reżistenza nominali għal kull metru: .....

3.2.7. Sistema ta' tkessieħ (likwidu/arja) (1)

3.2.7.1. Setting għall-mezz ta' kontroll tat-temperatura tal-magna: .....

3.2.7.2. Likwidu

3.2.7.2.1. In-natura tal-likwidu: .....

3.2.7.2.2. Pompa(i) ta' ċirkolazzjoni: iva/le (1)

3.2.7.3. Arja

3.2.7.3.1. Blower: Iva/le (1)

3.2.8. Sistema ta' dħul

3.2.8.1. Sovvrakarika: iva/le (1)

3.2.8.1.1. Għamla(iet): .....

▼B

3.2.8.1.2. Tip(i): .....

3.2.8.1.3. Deskrizzjoni ta' sistema per eżempju: pressjoni massima ta' boost ..... kPa, valvola ta' skarika (meta approprjat)

3.2.8.2. Intercooler: iva/le (1)

3.2.8.3. Deskrizzjoni u tpinġijiet ta' pajpijiet ta' dħul u aċċessorji (kamra ta' pressjoni, mezz ta' sħana, intakes addizzjonali ta' l-arja, eċċ.): .....

3.2.8.3.1. Deskrizzjoni tal-pajp ta' ammissjoni (bit-tpinġijiet u/jew ritratti): .....

3.2.8.3.2. Filtru ta' l-arja, tpinġijiet: .....

jew

3.2.8.3.2.1. Għamla(iet): .....

3.2.8.3.2.2. Tip(i): .....

3.2.8.3.3. Silencer ta' aspirazjoni, tpinġijiet: .....

jew

3.2.8.3.3.1. Għamla(iet): .....

3.2.8.3.3.2. Tip(i): .....

3.2.9. Sistema ta' exhaust

3.2.9.1. Tpinġija tas-sistema kompleta ta' exhaust: .....

3.2.10. Cross-section minima tal-portijiet ta' dħul u exhaust: .....

3.2.11. Sistema ta' induction jew data ekwivalenti

3.2.11.1. L-olzar massimu tal-valvola, l-angoli ta' ftuħ u egħluq fir-rigward ta' punti fissi, jew data li tikkonċerna settings ta' sistemi oħra possibbli: .....

3.2.11.2. Firxiet ta' referenza u/jew setting (1): .....

►(1) 3.2.12. Miżuri meħuda kontra t-tniġġiż ta' l-arja

3.2.12.1. Tagħmir għar-riċiklaġġ tal-gassijiet *crankcase*, biss fil-każ ta' magni *four-stroke* (deskrizzjoni u stampi):

3.2.12.2. Tagħmir addizzjonali kontra t-tniġġiż (jekk ikun hemm, u jekk mhux kopert minn xi intestatura oħra):

3.2.12.2.1. Konvertitur katalitiku: iva/le (1)

3.2.12.2.1.1. Numru ta' konvertituri katalitiċi u elementi:

3.2.12.2.1.2. Qies, forma u volum tal-konvertitur(i) katalitiku(ċi):

3.2.12.2.1.3. Tip ta' azzjoni katalittika:

3.2.12.2.1.4. Kariga totali ta' metall prezzjuż:

3.2.12.2.1.5. Konċentrazzjoni relattiva:

3.2.12.2.1.6. Sostrat (struttura u materjal):

3.2.12.2.1.7. Densità taċ-ċellula:

3.2.12.2.1.8. Tip ta' kisi għall-konvertitur(i) katalitiku(ċi):

3.2.12.2.1.9. Post tal-konvertitur(i) katalitiku(ċi) (post u distanza ta' referenza fil-linja ta' l-egżost):

3.2.12.2.2. Sensur ta' l-ossiġnu: iva/le (1)

3.2.12.2.2.1. Tip:

3.2.12.2.2.2. Post:

3.2.12.2.2.3. Marġni ta' kontroll:

3.2.12.2.3. Injezzjoni ta' l-arja: iva/le (1)

3.2.12.2.3.1. Tip (arja tal-polz, arja tal-pompa, eċċ.):

3.2.12.2.4. Ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-gass ta' l-egżost: iva/le (1)

3.2.12.2.4.1. Karatteristiċi (rata tal-fluss eċċ.):

3.2.12.2.5. Sistemi oħra (deskrizzjoni u operazzjoni):◄

3.2.13. Lok tas-simbolu tal-koeffiċjent ta' assorbiment (biss magni b'ignition ta' kompressjoni): .....

3.3. Mutur ta' trazzjoni elettrika

3.3.1. Tip (tidwir, stimulu): .....

3.3.1.1. Qawwa massima kontinwa stmata (k): ..... kW

3.3.1.2. Vultaġġ ta' operazzjoni: V

3.3.2. Batterija

3.3.2.1. Numru ta' ċelloli: .....

►(1) M2

▼B

3.3.2.2. Massa: ..... kg

3.3.2.3. Kapaċità: ..... Ah (amp/siegħat)

3.3.2.4. Lok: .....

3.4. Muturi oħra jew kombinazzjonijiet ta' muturi (informazzjoni speċifika li tikkonċerna l-partijiet ta' dawk il-muturi): .....

3.5. Temperaturi tas-sistema ta' tkessiħ permessi mill-manifattur

3.5.1. Tkessiħ tal-likwidu

3.5.1.1. Fetħa ta' temperature massima: ..... °C

3.5.2. Tkessiħ ta' l-arja

3.5.2.1. Punt ta' referenza: .....

3.5.2.2. Temperatura massima fil-punt ta' referenza: ..... °C

3.6. Sistema ta' lubrikazzjoni

3.6.1. Deskrizzjoni ta' sistema: .....

3.6.1.1. Post tal-kontenutir taż-żejt (jekk hemm): .....

3.6.1.2. Sistema ta' dħul (pompa/injezzjoni fis-sistema ta' dħul/imħallta mal-karburant, eċċ.) (1): .....

3.6.2. Lubrikant imħallat mal-karburant

3.6.2.1. Perċentwali: .....

3.6.3. Dak li jkessaħ iż-żejt: iva/le (1)

3.6.3.1. Tpinġija(iet): .....

jew

3.6.3.1.1. Għamla(iet): .....

3.6.3.1.2. Tip(i): .....

4. **Trażmissjoni** (h)

4.1. Tpinġija tas-sistema ta' trażmissjoni: .....

4.2. Tip (mekkaniku, idrawliku, elettriku, eċċ.): .....

4.3. Il-Clutch (tip): .....

4.4. Gearbox

4.4.1. Tip: awtomatiku/manwali (1)

4.4.2. Metodu ta' għażla: bl-id/sieq (1)

▼B

4.5. Proporzjonijiet ta' ger

N	R1	R2	R3	Rt
Trażmissjoni minima kontinwament varjabbli 1 2 3 ... Trażmissjoni massima kontinwament varjabbli Ger tar-rivers				

N = proporzjon tal-ger.
R1 = proporzjon primarju (proporzjon tal-veloċità tal-magna mal-veloċità ta' tidwir tax-xaft primarju tal-gearbox).
R2 = proporzjon sekondarju (proporzjon ta' veloċità ta' tidwir tax-xaft primarju mal-veloċità ta' tidwir tax-xaft sekondarju fil-gearbox).
R3 = proporzjon finali tas-sewqan (proporzjon tal-veloċità ta' tidwir tax-xaft ta; produzzjoni tal-gearbox mal-veloċità ta' tidwir tar-roti misjuqa).
Rt = proporzjon globali.

4.5.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-komponenti elettriċi u/jew elettroniċi wżati fit-trażmissjoni: .....

4.6. Veloċità massima tal-vettura u l-ger li biha tintlaħaq (f'km/siegħa) (i): .....

4.7. Il-mezz li jindika l-veloċità

4.7.1. Għamla(iet): .....

4.7.2. Tip(i): .....

4.7.3. Ritratti u/jew tpingijiet tas-sistema kompleta

4.7.4. Firxa ta' veloċità murija: .....

4.7.5. Tolleranza tal-mekkaniżmu ta' kejl tal-mezz li jkejjel il-veloċità: .....

4.7.6. Kostanti teknika tal-mezz li juri l-veloċità: .....

4.7.7. Metodu ta' operazzjoni u deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tas-sewqan: .....

4.7.8. Proporzjon massimu globali tal-mekkaniżmu tas-sewqan: .....

5. **Sospensjoni**

5.1. Tpinġija ta' l-arranġament tas-sospensjoni: .....

5.1.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-komopnenti elettriċi u/jew elettroniċi użati fis-sospensjoni: .....

5.2. Tyres (kategorija, dimensjonijiet u tagħbija massima) u rimmijiet (tip standard): .....

5.2.1. Ċirkomferenza nominali ta' tidwir: .....

5.2.2. Pressjonijiet tat-Tyre rakkomandati mil-manifattur: ..... kPa

5.2.3. Kombinazzjonijiet Tyre/rota: .....

▼B

5.2.4. Simbolu tal-kategorija ta' veloċità minima kompatibbli mal-veloċità teoretika massima maħsuba tal-vettura: .....

5.2.5. Indiċi minimu ta' kapaċità ta' tagħbija bit-tagħija massima fuq kull tyre: .....

5.2.6. Kategoriji ta' użu kompatibbli għall-vettura: .....

6. **Steering**

6.1. Ger ta' l-iggwidar u ta' kontroll

6.1.1. Tip ta' ger: .....

6.1.2. Deskrizzjoni fil-qosor tal-komponenti elettriċi u/jew elettroniċi użati fis-sistema ta' ggwidar: .....

7. **L-Ibbrejkjar**

7.1. Tpinġija tal-mezzi ta' l-ibbrejkjar: .....

7.2. Il-brejkijiet ta' quddiem u ta' wara, id-diska u/jew it-tanbur (1)

7.2.1. Għamla(iet): .....

7.2.2. Tip(i): .....

7.3. Tpinġija tal-partijiet tas-sistema ta' l-ibbrejkjar

7.3.1. Shoes u/jew pads (1)

7.3.2. Linings u/jew pads (Indika l-għamla, l-grad tal-materjal jew il-marka ta' identifikazzjoni) (1): .....

7.3.3. Levers u/jew pedali tal-brejkijiet (1): .....

7.3.4. Kontenituri idrawliċi (meta aplikabbli): .....

7.4. Mezzi oħrajn (meta applikabbli): tpinġija u deskrizzjoni: .....

7.5. Deskrizzjoni fil-qosor tal-komponenti elettriċi u/jew elettroniċi wżati fis-sistema ta' l-ibbrejkjar: .....

8. **Mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl**

8.1. Lista tal-mezzi kollha (li ssemmi n-numru, l-għamla(iet), il-mudell, il-marka(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent, l-intensità massima tal-headlamps b'raġġ ewlieni, il-kulur, t-tell-tale korrispondenti): .....

8.2. Tpinġija li turi l-lok tal-mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl: .....

8.3. Dawl ta'twissija ta' perikolu (meta armat): .....

8.4. Ħtiġiet addizzjonali li jirrelataw għal vetturi speċjali: .....

8.5. Deskrizzjoni fil-qosor tal-komponenti elettriċi u/jew elettroniċi użati fis-sistema ta' dawl u fis-sistema ta' sinjalazzjoni bid-dawl: .....

9. **Tagħmir**

9.1. Mezzi ta' aggančjar (meta applikabbli)

9.1.1. Tip: gančċirku/oħrajn (1)

9.1.2. ritratt u/jew tpinġijiet li juru l-pożizzjoni u l-kostruzzjoni tal-mezzi ta' aggančjar: .....

9.2. L-arranġament u l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi: .....

▼B

9.2.1. ritratti u/jew tpinġijiet ta' l-arranġament tas-simboli, tal-kontrolli, tat-tell-tales u ta' l-indikaturi: .....

9.3. Iskrizzjonijiet regolamentari

9.3.1. Ritratti u/jew tpinġijiet li juru l-lok ta' l-iskrizzjonijiet regolamentari u n-numru tax-chassis: .....

9.3.2. Ritratti u/jew tpinġijiet li juru l-parti uffiċjali ta' l-iskrizzjoni (b'dikjarazzjoni tad-dimensjonijiet): .....

9.3.3. Ritratti u/jew tpinġijiet tan-numru tax-chassis (b'dikjarazzjoni tad-dimensjonijiet): .....

9.4. Mezz(i) għal protezzjoni kontra użu mhux awtorizzat:

9.4.1. Tip ta' mezz(i)

9.4.2. Deskrizzjoni fil-qosor tal-mezz(i) użat .....

9.5. Mezz ta' twissija li jinstama'

9.5.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-mezz(i) użat u l-iskop tagħhom: .....

9.5.2. Għamla(iet): .....

9.5.3. Tip(i): .....

9.5.4. Marka ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

9.5.5. Tpinġija(ijiet) li turi l-lok tal-mezz(i) ta' twissija li jinstama' f'relazzjoni ma' l-istruttura tal-vettura: .....

9.5.6. Dettalji tal-metodu ta' twaħħil, inkluża l-parti ta' l-istruttura tal-vettura li magħha huwa mwaħal il-mezz(i) ta' twissija li jinstama': .....

9.6. Il-lok tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara (indika l-varjanti meta neċessarju; tpinġijiet jistgħu jintużaw kif xieraq): .....

9.6.1. L-Inklinazzjoni tal-pjan f'relazzjoni ma' dak vertikali: .....

B. INFORMAZZJONI LI TIRRELATA BISS GĦAL ĊIKLOMUTURI B'ŻEWĠ ROTI U MUTURI

1. **Tagħmir**

1.1. Mera(mirja) li minnha tista' tarta fuq wara (jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja għal kull mera li li minnha tista' tara fuq wara)

1.1.1. Għamla: .....

1.1.2. Marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent: .....

1.1.3. Varjanti: .....

1.1.4. Tpinġija(jiet) li turi l-lok tal-mera(mirja) li minnha tista' tara fuq wara f'relazzjoni ma' l-istruttura tal-vettura: .....

1.1.5. Informazzjoni preċiża li tikkonċerna t-tip ta' anness, inkluża dik il-parti ta' l-istruttura tal-vettura li magħha hija mqabbda l-mera li minnha tista' tara fuqa; .....

1.2. Stand

1.2.1. Tip: ċentrali u/jew ġenb ([1])

1.2.2. Tpinġija li turi l-lok ta' l-istand(s) f'relazzjoni ma' l-istruttura tal-vettura: .....

▼B

1.3. L-Annessi għal vaguni tal-ġenb għal muturi (meta applikabbli)

1.3.1. Ritratti u/jew tpinġijiet li juru l-lok u l-kostruzzjoni: .....

1.4. Post fejn iżommu l-passiġġieri

1.4.1. Tip: ċinga u/jew pum [1]

1.4.2. ritratti u/jew tpinġijiet li juru l-post: .....

1.5. Għal ċiklomuturi bil-pedali,u jekk id-Direttiva 97/24/KE, il-Kapitolu 3, l-Anness I, il-punt 3.5 tapplika, deskrizzjoni tal-miżuri mehuda sabiex tigi assigurata s-sigurtà: .....

1.6. Id-Diżinn u l-pożizzjoni tat-tabella msemmija fid-Direttiva 97/24/KE, il-Kapitolu 7: .....

C. INFORMAZZJONI LI TIRRELATA BISS GĦAL ĊIKLOMUTURI BI TLETT ROTI, TRIĊIKLI BIL-MUTUR U KWADRIĊIKLI

1. **Dimensjonijiet u mases** (f'mm u kg) (meta neċessarju, irreferi għat-tpinġijiet)

1.1. Dimensjonijiet li għandu jkun hemm konformità magħhom fil-kostruzzjoni tax-chassis mingħajr karrozzerija

1.1.1. Tul: .....

1.1.2. Wisgħa .....

1.1.3. Għoli meta mhux mgħobbi: .....

1.1.4. Sporġiment fuq quddiem: .....

1.1.5. Sporġiment fuq wara: .....

1.1.6. Pożizzjoni ta' limitu għaċ-ċentru ta' gravità tal-vettura bil-karrozzerija: .....

1.2. Mases [4]

1.2.1. It-tagħbija utli massima ddikjarata mill-manifattur: .....

2. **Tagħmir**

2.1. Karrozzerija

2.1.1. Natura tal-karrozzerija: .....

2.1.2. Tpinġija ta' arranġament ġenerali dimensjonali ta' ġewwa: .....

2.1.3. Tpinġija ta' arranġament ġenerali dimensjonali ta' barra: .....

2.1.4. Materjali u metodi ta' fabbrikazzjoni: .....

2.1.5. Bibien tal-passiġġieri, serraturi u ċappetti: .....

2.1.6. Konfigurazzjoni, dimensjonijiet, direzzjoni u angolu massimu ta' ftuħ tal-bibien: .....

2.1.7. Tpinġija ta' serraturi u ċappetti u fejn jinsabu fil-bibien: .....

2.1.8. Deskrizzjoni teknika tas-serraturi u taċ-ċappetti: .....

▼B

2.2. Windscreen u ħġieġ ieħor

2.2.1. Windscreen

2.2.1.1. Materjali wżati: .....

2.2.2. Ħġieġ oħra

2.2.2.1. Materjal użat. .....

2.3. Wiper(s) tal-windscreen

2.3.1. Deskrizzjoni teknika dettalljata (b'ritratti jew tpinġijiet): .....

2.4. Washer(s) tal-windscreen

2.4.1. Deskrizzjoni teknika dettaljata (b'ritratti jew tpinġijiet): .....

2.5. It-tneħħija tas-silġ u taċ-ċpar

2.5.1. Deskrizzjoni teknika dettaljata (b'ritratti jew tpinġijiet): .....

2.6. Mera(merja) li minnhom tista' tara fuq wara (jekk joġħġbok aġħti l-informazzjoni li ġejja għal kull mera li minnha tista' tara fuq wara)

2.6.1. Għamla: .....

2.6.2. Marka ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

2.6.3. Varjanti: .....

2.6.4. Tpinġija(jiet) li turi l-post tal-mera(merja) li minnha tista' tara fuq wara f'relazzjoni ma' l-istruttura tal-vettura: .....

2.6.5. Informazzjoni dettalljata dwar il-metodu ta' twaħħil, inkluża dik il-parti ta' l-istruttura tal-vettura li magħha hija mwaħħla l-mera li minnha tista' tara fuq wara: .....

2.7. Sedili

2.7.1. Numru: .....

2.7.2. Post: .....

2.7.3. Koordinati jew tpinġija tal-punt R (i)

2.7.3.1. Sedil tas-sewqan: .....

2.7.3.2. Sedili oħra: .....

2.7.4. Inklinazzjoni maħsuba tad-dahar tas-sedil

2.7.4.1. Desil tas-sewqan: .....

2.7.4.2. Sedili oħra: .....

2.7.5. Firxa ta' aġġustament tas-sedil, meta approprjat

2.7.5.1. Sedil tas-sewqan: .....

▼B

2.7.5.2. Sedili oħra: .....

2.8. Sistema ta' tisħin tal-kompartiment tal-passiġġieri (meta applikabbli)

2.8.1. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' sħana jekk din tuża sħana mil-likwidu li jkessaħ il-magna: .....

2.8.2. Deskrizzjoni dettalljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' sħana jekk din tuża l-arja ta' tkessiħ jew il-gassijiet ta' l-exhaust bħala sors ta' sħana, inkluża:

2.8.2.1. Tpinġija ġenerali tas-sistema ta' sħana li tagħti l-post tagħha fuq il-vettura (u l-arranġament ta' l-istrumenti li jifggħu il-ħoss (inkluża l-pożizzjoni tal-punti ta' skambju tas-sħana)): .....

2.8.2.2. Tpinġija ġenerali ta' l-iskambjatur tas-sħana wżat f' sistemi li jutilizzaw is-sħana mill-gassijiet ta' l-exhaust, jew tal-partijiet fejn iseħħ dak l-iskambju (fil-każ ta' sistemi ta' sħana li jużaw is-sħana pprovduta mill-arja li tkessaħ il-magna): .....

2.8.2.3. Tpinġija sezzjonali ta' l-iskambjatur tas-sħana jew tal-partijiet fejn iseħħ l-iskambju tas-sħana, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-ħxuna tal-ħajt, tal-materjali wżati u tal-karatteristiċi tas-superfiċi tagħhom: .....

2.8.2.4. Speċifikazzjonijiet li jirrigwardaw il-metodu ta' fabbrikazzjoni u d-data teknika li tirrelata għal komponenti maġġuri oħra tas-sistema ta' sħana, bħall-fann: .....

2.9. Iċ-ċinturini tas-sigurtà

2.9.1. In-numru u l-lok taċ-ċinturini tas-sigurtà, flimkien ma' referenza għas-sedili fejn dak it-tip ta' tagħmir jista' jiġi installat: .....

	D/P	Marka kompleta ta' l-approvazzjoni tat-tip	Varjanti (jekk hemm)
Is-sedili ta' quddiem			
.....			
.....			
.....			
Is-Sedili ta' wara			
.....			
.....			
.....			
Is-Sedili lfiċ-ċentru fuq wara u fiċ-ċentru fuq quddiem			
.....			
.....			
.....			
Mezzi speċjali (eżempju: aġġustament ta' l-għoli tas-sedil, mezz ta' preloading, eċċ.)			
.....			
.....			
.....			

D = in-naħa tas-sewwieq.
P = in-naħa tal-passiġġier fuq quddiem.

▼B

2.10. **L-Ankoraġġi**

2.10.1. In-numru u l-lok ta' l-ankoraġġi: .....

2.10.2. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-karrozzerija li juru l-post reali, efettiv u d-dimensjonijiet ta' l-ankoraġġi, flimkien ma' indikazzjoni tal-pożizzjoni tal-punt-R: .....

